Tribunal Ghal Talbiet Tal-Konsumatur

CCT/G7/11 - MS

Alexis Samantha Falzon

vs

Tarcisju Cremona.

8 ta' Jannar 2016.

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti Alexis Samantha Falzon pprezentat fil-15 ta' Lulju 2011 fejn talbet lil dan it-Tribunal tordna lill-intimat Tarcisio Cremona li jirrifondi s-somma ta' elf Euro (€1,000) depozitu ghal xoghlijiet fil-fond 94, Triq il-Knisja, Nadur, liema xogholijiet baqghu ma twettqux.

Ra r-riposta tal-intimat pprezentat fl-1 ta' Settembru 2011 fejn iddikjara illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi ma kienx it-tort tieghu illi x-xogholijiet ma gewx ezegwiti kif miftiehem.

Sema x-xhieda bil-gurament, inkluz access fuq il-post.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra**

Irrizulta mill-provi illi permezz ta' ftehim datat 14 ta' Novembru 2009 ir-rikorrenti inkarigat lill-intimat, li accetta li jesegwixxi xoghol ta' tqeghid ta' irham f'tarag go fond indikat mir-rikorrenti. Dan l-appalt kien jiswa €4,400 li minnu l-attrici hallset l-ammont ta' €1,000. L-intimat irilaxxa ircevuta ta' dan l-ahhar ammont fit-28 ta' Novembru 2009.

Illi jidher illi ftit wara qamet kwistjoni bejn il-partijiet rigward l-gholi tat-tarag peress illi l-intimat dehrlu illi l-ewwel targa kienet gholja wisq u b'hekk il-livelli mat-tarag l-ohra ma kienx ser ikun korrett. Intalab parir tekniku, pero sadanittant ghadda z-zmien u ghad illi l-intimat beda xi xogholijiet, l-appalt baqa' ma giex konkluz

Illi meta l-intimat ried ikompli bix-xoghol dana pprezenta ftehim iehor fejn talab aktar flus ghax inkluda l-VAT fuq l-ammont originali ta' €4,400. Din il-kwistjoni baqghet mhux deciza u jidher li l-partijiet sabu kull skuza sabiex l-attrici ma thallasx l-ammont zejjed u l-intimat ma jkomplix bix-xoghol ghax minghajr il-VAT. Il-partijiet baqghu jargumetaw fuq il-kwistjoni tal-livelli tat-tarag.

Minkejja d-disgwid tekniku fuq il-kwistjoni tal-gholi tat-tarag, jidher illi l-vera kwistjoni bejn il-partijiet kienet dwar il-hlas tal-VAT u min kellu jerfa' dan il-piz.

**Ikkunsidra**

Bil-ftehim milhuq tal-14 ta' Novembru 2009 u l-hlas ta' elf Euro (1,000) depozitu, sar kuntratt ta' appalt bejn il-partijiet fejn l-intimat obbliga ruhu li jwettaq ix-xoghol miftiehem versu l-prezz indikat u r-rikorrenti obbligat ruhha li thallas lill-intimat l-ammont miftiehem. Dan il-kuntratt ma setax jinhall unilaterlament u l-intimat kien obbligat li jwettaq ix-xoghol skond l-arti u s-sengha. Il-kwistjoni tal-livell tal-ewwel targa ma kenitx daqshekk serja illi ma setghetx tigi sorvolata teknikament u zgur illi bil-parir ta' bniedem tekniku u bona volonta' bejn il-partijiet din il-kwistjoni setghet giet sorvolata. Izda minhabba l-kwistjoni tal-VAT, l-intimat sab ruhu f'posizzjoni li ma setax jahdem il-kumplament tal-appalt minghajr zieda tal-ammont originali. Meta r-rikorrenti uriet opposizzjoni ghal dan ovvjament bdiet tinqala' kull skuza sabiex ix-xoghol ma jsirx.

**Ikkunsidra**

L-artikolu 49 tal-Kap 406 tal-Ligijiet ta' Malta jitkellem car illi min ibigh xi oggett dan bilfors irrid ikollu l-VAT fuq il-prezz. L-istess jinghad ghal persuna li tkun qed taghmel attivita' ekonomika (Art.5 tal-Kap 406).

Bil-kuntratt fuq imsemmi l-intimat obbliga ruhu illi jidhol f'attivita' ekonomiku fl-isfond tas-sengha tieghu li jissuplixxi irham u iqieghdu fit-tarag indikat lilu. L-istima illi pprepara u li ta lir-rikorrenti kellu jkun fiha l-ammont ta' VAT li jrid jithallas lid-Dipartiment koncernat.

Ma saret l-ebda prova li l-intimat kien "VAT Exempt" ghal fini tal-ligi u kien obbligat igharraf il-klijenti tieghu illi c-cifra minnu indikata kellha tkun fiha l-pagament tal-VAT. Ma taghmel l-ebda differenza x'jitlob il-klijent u zgur m'ghandu l-ebda dritt illi jevadi t-taxxi u jitlob lil dak li jkun stima minghajr VAT.

L-allegazzjoni tal-intimat illi l-VAT kellu jithallas mir-rikorrenti fl-ahhar meta x-xoghol ikun tlesta mhijiex veritjera. Ic-cifra tal-VAT kellha tkun indikata mal-ewwel jew fil-post indikat fil-fattura u jekk le, inkorporat fl-ammont totali illi jkun mitlub minn min ikun ser iwettaq ix-xoghol.

Ghall-fini tal-ligi ma jezistix prezz bil-VAT u prezz minghajr VAT, hlief ghal fini ta' informazzjoni fejn stima minghajr VAT ghandha tigi espressament dikjarata bhala tali biex mal-pagament dan ikun jista' jigi mizjud. Fil-kaz li ma ssirx din id-dikjarazzjoni, il-prezunzjoni hi li l-VAT hija inkluza. Fil-fatt, l-intimat sussegwentement irilaxxa ircevuta fiskali (bil-kopja zbaljata!) fuq id-depozitu mhallas mir-rikorrenti minghajr ma talab zieda ghall-VAT. (ara d-dokumenti annessi mal-avviz). Ghalhekk aktar u aktar isahhah it-tezi tar-rikorrenti illi c-cifra ta' €4,400 kienet tinkludi l-

VAT. F'dan l-istadju kwindi, l-intimat kien obbligat iwettaq l-appalt bil-prezz orignarjament miftiehem.

Illi jekk sussegwentement kellu xi ripensament dan ma kellhiex tbatiha r-rikorrenti. Kif gja nghad il-kwistjoni teknika dwar l-gholi tat-tarag mhijiex xi haga daqshekk serja li ma setghetx tigi sorvolata kif l-istess intimat qal fir-risposta tieghu meta jghid li accetta li jaghmel bdil fl-istruttura tat-tarag minghajr ebda hlas addizzjonali. Pero' fl-istess hin, l-intimat insista illi jsir kuntratt gdid halli skond hu ma jerghux jinqalghu kwistjonijiet. F'dan il-ftehim (ara fol 69, Dok TC tal-process) l-intimat kien qed jotlob prezz ghola minn dak originali miftiehem peress illi skond hu, inkluda l-VAT. Naturalment ir-rikorrenti irrifjutat illi tiffirma dan il-kuntratt gdid u baqghet tinsisti illi kien dak originali li jorbot il-partijiet u ghadu vinkolanti. Dan wassal ghan-nuqqas ta' qbil bejniethom bl-intimat irrifjuta li jkompli bix-xoghol. Ghalhekk ir-rikorrenti talbet lura d-depozitu mhallas.

**Ikkunsidra**

Illi fil-fehma ta' dan it-Tribunal ir-rikorrenti ghandha ragun. L-ewwel nett, ic-cifra originali tal-ftehim originali kellha, skond il-ligi, tinkludi l-VAT kif jidher mill-ircevuta fiskali irrilaxxata mill-intimat ghad-depozitu imhallas mir-rikorrenti. It-tieni nett, l-intimat ma kellu l-ebda dritt jipprezenta ftehim iehor b'cifra oghla minhabba l-element tal-VAT meta dan kien suppost inkluz fi ftehim originali. It-tielet - il-kwistjoni teknika tal-gholi tat-tarag ma kenitx daqshekk serja li kienet ser taffetwa l-esekuzzjoni tax-xoghol jew il-prezz. Ghalhekk l-intimat kien obbligat illi jwettaq ix-xoghol skond l-arti u s-sengha skond il-prezz miftiehem. Dan ma sarx u kwindi l-intimat irid jirrifondi l-elf Euro (€1,000) li huwa ircieva minghand ir-rikorrenti.

**Ikkunsidra**

Kif gja nghad, wara li r-rikorrenti hallset elf Euro (€1,000) depozitu, l-intimat irilaxxa ircevuta zbaljata. Il-kopja l-bajda li suppost tinghata lill-klijent inzammet mill-intimat u minflok ta lir-rikorrenti l-kopja s-safra li suppost marret lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. Ghalhekk, it-Tribunal ghandu d-dubji tieghu kemm verament thallset it-taxxa fuq id-depozitu. Jekk dan thallas pero, l-intimat irid igib prova ufficjali fi zmien ghoxrin (20) jum mid-data ta' din is-sentenza, f'liema kaz ikun awtorrizat li jnaqqas l-element tal-VAT mid-depozitu. Fin-nuqqas, ghandu jitqies li din it-taxxa ma thallsitx u l-intimat zamm id-depozitu fl-intier tieghu u r-rifuzjoni taghha trid issir shiha.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna lill-intimat illi jirrifondi d-depozitu imhallas lilu mir-rikorrenti, salv dak li nghad fil-paragrafu precedenti, ghal xogholijiet illi baqghu ma twettqux. Bl-ispejjes kontra l-intimat.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru